**28 ta' Ġunju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Filippo Chircop

*versus*

A.I.C. Godwin Drago

**Transazzjoni — Art. 1813 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skop tal-kuntratt ta' transazzjoni hu dak li tiġi terminata kawża ġa mibdija jew li tiġi evitata kawża imminenti. Ftehim fejn il-partijiet jikkonvjenu dwar oġġett li fuqu ma hemm pendenti ebda kawża, jew li fuqu ma kien hemm ebda ħsieb ta' kawża imminenti, ma jikkostitwix transazzjoni kif kontemplata mill-liġi; u għall-validità ta' dak il-ftehim mhux rikjest l-att publiku.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi bi skrittura tal-4 ta' Novembru 1958 (dok. A) il-konvenut, bħala gabillot tal-għalqa "ta' Giordieca" f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, obliga ruħu favur tiegħu, enfitewta attwali tal-istess għalqa, li hu għandu jitlaq għall-bini l-porzjoni tal-istess għalqa traċċjata fid-dokument "A" anness mal-istess skrittura; u illi bi skrittura oħra preċedenti tas-27 ta' Diċembru 1957 (dok. B) il-konvenut kien ħa l-istess għalqa bi qbiela minn għand in-Nobbli Markiż John Apap Bologna awtur tal-instanti, bil-kondizzjoni li l-proprijetarju ikun jista', meta jrid, jieħu kwalunkwe parti mill-istess għalqa biex jikkonċediha b'titolu ta' enfitewsi għal skop ta' bini; u illi hu għamel konvenzjonijiet biex jittrasferixxi diversi porzjonijiet mill-istess għalqa bħala ċens għall-bini (dok. C u D), u b'ittra uffiċjali tad-9 ta' Diċembru 1959 (dok. E) inutilment interpella lill-konvenut biex jitlaq l-istess porzjonijiet; jitlob illi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li jkun hemm bżonn. (1) il-konvenut jiġi kundannat biex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jitlaq favur tiegħu l-imsemmijin porzjonijiet ta' raba' (Dok. C u D), biex il-konċessjonarji jistgħu jibdew jibnu fuqhom;

(2) jekk jgħaddi inutilment l-istess żmien, hu jiġi awtorizzat li jidħol in forza tas-sentenza fil-pussess tal-istess porzjonijiet ta' art; (3) u l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli lejgħ tad-danni sofferti mħabba l-illegali aġir tiegħu, konsistenti fit-telf ta' ċens u perditi oħra, likwidabbli f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra tad-9 ta' Diċembru 1959;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Illi l-konvenut jissottometti li l-ftehim li sar bejnu u l-attur bl-iskrittura tal-4 ta' Novembru 1958 huwa transazzjoni tal-kwistjonijiet li kien hemm bejniethom, u kwindi huwa null, għaliex, skond l-art. 1813 tal-Kodiċi Ċivili, għall-validità tiegħu dak il-ftehim messu sar b'att publiku;

Illi din is-sottomissjoni tal-konvenut mhix sostenibbli. Il-ftehim li għalieh waslu l-kontendenti bl-iskrittura msemmija ma jikkostitwix it-transazzjoni kontemplata fid-dispożizzjoni tal-liġi ndikata mill-konvenut. Infatti, skond din id-dispożizzjoni, it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir. Kwindi, skop ta' dan il-kuntratt huwa dak li tiġi terminata kawża mibdija jew li tiġi evitata kawża imminenti, b'mod li hija nulla kwalunkwe transazzjoni bejn il-partijiet fuq ħaġa li huma jkollhom kontroversja fuqha; kontroversja, mbgħad, li trid tkun serja u reali, b'dubju dwar l-eżitu tagħha; u ċjoè li l-kawża li l-partijiet ikunu jridu jitterminaw jew jevitaw tkun trid tkun dubja fiha nfisha jew fl-animu tal-partijiet. Issa, ma jirriżultax li l-ftehim imsemmi sar mill-kontendenti biex bih jitterminaw xi kawża li kien hemm bejniethom, jew li bejniethom kien hemm xi kwistjonijiet li kienu sejrin iwasslu għal xi kawża imminenti, u huma għamlu dak il-ftehim biex jevitaw din il-kawża. Dak li sar kienet mera konvenzjoni bejn l-attur,

enfitewta, u l-konvenut, gabillott, rigward il-lokazzjoni tal-għalqa ndikata fiċ-ċitazzjoni, li biha, fost ħwejjeġ oħra, il-konvenut *irrinunzja u ċeda porzjoni ta'* din l-għaqda, u l-attur, bħala korrispettiv, ċeda u rrinunzja għal parti mill-għalqa; u ġie miftiehem li, meta tiġi biex tingħata kwalunkwe parti oħra mill-istess għalqa għall-bini, u/jew trieq, il-konvenut għandu jċedi l-istess porzjoni; u l-kumpens dovut lill-konvenut mill-attur għall-wiċċ u benefikati jkun kalkulat a bażi ta' 2s.6d. l-qasba kwadra. Bħal ma fuq issemma, ma jirriżultax illi, meta saret din il-konvenzjoni, kien hemm pendenti bejn il-kontendenti xi kawża rigwardanti l-oġġett tal-ftehim raġġunt minnhom b'dik *l-iskrittura, jew li kien hemm xi ħsieb ta' kawża imminenti* bejniethom fuq dak l-oġġett, u huma għamlu dak il-ftehim biex jevitaw dik il-kawża;

Illi mill-premess jirriżulta li bil-ftehim tal-4 ta' Novembru 1958 ma saret ebda transazzjoni bejn il-kontendenti, u kwindi l-istess ftehim għall-validità tiegħu ma kienx hemm bżonn li jsir b'att publiku; u kif sar, bi skrittura, hu validu;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni fuq imsemmija sollevata mill-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu. U tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tat-18 ta' Ottubru 1962 għat-trattazzjoni fuq il-meritu.